32007D0060

L 32/88 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 6.2.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Ottubru 2006

li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) nru 58/2003

(2007/60/EC)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità[1], u b'mod speċjali l-paragrafu 1 tal-Artikolu 3 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 jagħti lill-Kummissjoni is-setgħa li tiddeċiedi dwar il-ħolqien ta' aġenziji eżekuttivi skont l-istatut stabbilit mill-imsemmi Regolament u li tafdalhom ċerti kompiti fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' wieħed jew aktar programmi jew azzjonijiet tal-Komunità.

(2) Il-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva huwa maħsub biex jippermetti lill-Kummissjoni li tiffoka fuq attivitajiet u funzjonijiet prijoritarji, li ma jistgħux jiġu esternalizzati, mingħajr ma titlef madankollu l-kontroll u r-responsabbiltà aħħarija tal-azzjonijiet immexxija mill-aġenziji eżekuttivi.

(3) It-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew għandha l-għan li twettaq proġetti li ma jinvolvux teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura politika, u titlob livell għoli ta' ħila teknika u finanzjarja matul iċ-ċiklu kollu tal-proġett.

(4) Id-delega ta' kompiti marbuta mat-twettiq ta' din l-azzjoni Komunitarja lil xi aġenzija eżekuttiva tista' ssir skont distinzjoni ċara bejn l-ipprogrammar, l-istabbiliment tal-prijoritajiet u l-valutazzjoni tal-programm li jirriżultaw mis-servizzi tal-Kummissjoni u t-twettiq tal-proġetti, li ser ikun fdat lill-aġenzija eżekuttiva.

[1] ĠU L 11 tas-16.1.2003, p.1

(5) Analiżi tal-ispiża/benefiċċji li saret għal dan il-għan uriet li l-ħolqien ta' aġenzija eżekuttiva tippermetti li titjieb l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, b'nefqa aktar baxxa. Meta jitqiesu l-karatteristiċi proprji għan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, l-enfasi trid issir fuq id-delega ta' kompiti tekniċi, fejn l-għan ewlieni jkun li jissaħħu l-konnessjonijiet bejn in-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew u l-komunitajiet ta' esperti.

(6) L-aġenzija għandha timmobilizza, għall-finijiet tal-għanijiet iddikkjarati mill-Kummissjoni, u taħt il-kontroll tagħha, ħiliet ta' livell għoli. Il-ħolqien tal-aġenzija għandu wkoll jippermetti li titjieb l-implimentazzjoni tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew billi jiġi ffaċilitat l-impjegar ta' personal speċjalizzat dwar il-kwistjonijiet tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew.

(7) Il-ħolqien tal-aġenzija għandu jtejjeb il-flessibilità fl-implimentazzjoni tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew. Il-programm ta' ħidma annwali tal-aġenzija għandu jippermettilha b'mod partikolari li tagħti kontribut fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet annwali għat-twettiq tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, ippjanati u deċiżi mill-Kummissjoni. L-aġenzija għandha wkoll tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-finanzjament ma' strumenti Komunitarji oħrajn.

(8) Amministrazzjoni bbażata fuq ir-riżultati miksuba mill-aġenzija, permezz tal-implimentazzjoni ta' proċeduri u ċirkwiti ta' kontroll u ta' koordinazzjoni meħtieġa għandha tippermetti li jiġu ssimplifikati t-termini ta' implimentazzjoni tan-Netwerk tat-trasport Trans-Ewropew permezz tas-servizzi tal-Kummissjoni. Dawn tal-aħħar jistgħu jikkapitalizzaw fuq ix-xogħolijiet tekniċi tal-aġenzija, billi jiżviluppaw fl-istess ħin b'mod xieraq il-missjonijiet li jinvolvu valutazzjoni ta' natura politika.

(9) Il-kooperazzjoni tal-aġenzija mas-servizzi tal-Kummissjoni u t-twettiq tal-ħidmiet speċifiċi tagħha għandhom jippermettu li titjieb il-viżibilità tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-aġenziji eżekuttivi,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Twaqqif tal-Aġenzija

1. Qed titwaqqaf aġenzija eżekuttiva (minn issa 'l quddiem imsejħa " l-Aġenzija") għall-amministrazzjoni tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, li l-istatut tagħha huwa rregolat mir-Regolament (KE) Nru 58/2003.

2. L-isem tal-Aġenzija huwa " *Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew* ".

Artikolu 2
Sede

L-Aġenzija għandu jkollha s-sede tagħha fi Brussell.

Artikolu 3
Mandat

L-Aġenzija hija stabbilita għal perjodu li jibda mill-1 ta' Novembru 2006 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2008.

Artikolu 4
Għanijiet u kompiti

1. L-Aġenzija qed tiġi fdata, fil-qafas tal-azzjoni Komunitarja fi-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, bl-implimentazzjoni tal-kompiti li jikkonċernaw l-għoti tal-għajnuna finanzjarja Komunitarja skont id-Deċiżjoni Nru 2236/95 tal-Kunsill[2], minbarra l-ipprogrammar, l-istabbiliment tal-prijoritajiet, tal-valutazzjoni tal-programm, tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' finanzjament u ta' monitoraġġ legali. Hija qed tkun fdata b'mod partikolari b'dawn il-kompiti li ġejjin :

   (a) l-amministrazzjoni tal-fażi ta' istruzzjoni, ta' finanzjament u ta' monitoraġġ tal-għajnuna finanzjarja mogħtija għal proġetti ta' interess komuni skont il-baġit tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, kif ukoll il-kontrolli meħtieġa għal dan il-għan, billi tadotta d-deċiżjonijiet xierqa fuq bażi ta' delega tal-Kummissjoni ;

   (b) koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji Komunitarji, billi tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-interventi, fil-fażijiet kollha għall-proġetti prijoritarji li wkoll jirċievu finanzjament mill-Fondi Strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u mill-Bank Ewropew tal-Investiment;

   (c) l-assistenza teknika lil dawk li jippromwovu l-proġett, fir-rigward tal-ksib tal-finanzjament tal-proġetti u l-iżvilupp ta' metodi komuni ta' valutazzjoni;

   (d) l-adozzjoni ta' strumenti għall-implimentazzjoni tal-baġit għad-dħul u n-nefqa u l-implimentazzjoni, fejn il-Kummissjoni tkun iddelegat ir-responsabbiltà lill-Aġenzija, ta' kull operat meħtieġ għat-tmexxija tal-azzjonijiet Komunitarji fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, kif ipprovdut fir-Regolament (KE) Nru 2236/95 tal-Kunsill, u b'mod partikolari dawk marbuta mal-għoti ta' kuntratti u għajnuniet[3];

   (e) il-ġbir, l-analiżi u t-twassil lill-Kummissjoni ta' kull tagħrif meħtieġ għall-implimentazzjoni tan-netwerk trans-Ewropew;

   (f) kwalunkwe appoġġ tekniku u amministrattiv mitlub mill-Kummissjoni.

---

2 ĠU L 228 tad-29.03.1995
3 ĠU L 228 tat-23.9.1995, p.1,

2. L-implimentazzjoni tal-ħidmiet ipprovduti fil-paragrafu 1(b) ma taffettwax ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet ta' tmexxija tal-programmi operattivi kofinanzjati mill-Fondi Strutturali jew il-Fond ta' Koeżjoni fir-rigward tal-għażla jew l-implimentazzjoni tal-proġetti li jagħmlu parti min-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, u lanqas ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri fil-qafas tat-tmexxija konġunta ta' dawn il-programmi

3. Minbarra l-ħidmiet msemmija fil-paragrafu 1, l-Aġenzija tista' tiġi fdata mill-Kummissjoni, wara li tkun ngħatat l-opinjoni tal-Kumitat tal-Aġenziji eżekuttivi, bit-twettiq ta' ħidmiet tal-istess xorta fil-qafas ta' programmi jew azzjonijiet Komunitarji oħrajn, skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 58/2003, bil-kundizzjoni li dawn il-programmi jew azzjonijiet jibqgħu fil-limiti tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew.

4. Id-deċiżjoni ta' delega tal-Kummissjoni tiddefinixxi d-dettalji tal-ħidmiet kollha fdati lill-Aġenzija, u hija adattata skont il-ħidmiet supplementari li jistgħu jiġu fdati lill-Aġenzija. Din għandha tiġi nnotifikata, għal finijiet ta' informazzjoni, lill-Kumitat tal-aġenziji eżekuttivi.

Artikolu 5
Struttura organizzattiva

1. L-Aġenzija titmexxa minn Bord ta' Tmexxija u minn Direttur maħtura mill-Kummissjoni.

2. Il-membri tal-Bord ta' Tmexxija jinħatru għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3.

3. Id-Direttur tal-Aġenzija huwa maħtur għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 3.

Artikolu 6
Għotja

L-Aġenzija tirċievi għotja mdaħħla fil-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej meħuda mill-finanzi allokati lill-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew u, fejn meħtieġ, programmi u azzjonijiet Komunitarji oħrajn li l-implimentazzjoni tagħhom hija fdata lill-Aġenzija skont l-Artikolu 4(3).

Artikolu 7
Superviżjoni u rapportaġġ

L-Aġenzija hija soġġetta għall-kontroll tal-Kummissjoni u għandha tirrapporta b'mod regolari dwar il-progress li jkun intlaħaq fl-implimentazzjoni tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew li tkun responsabbli għaliha skont l-arranġamenti u l-intervalli stipulati fid-dokument ta' delega.

Artikolu 8
Implimentazzjoni tal-baġit operattiv

L-Aġenzija timplimenta l-baġit operattiv tagħha skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004 tal-Kummissjoni.[4]

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Ottubru 2006.

Għall-Kummissjoni
Jacques Barrot
Viċi President

[4] ĠU L 297, 22.09.2004, p 6.